**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/COMP/259/2022**

[redacted]

**vs**

[redacted]

**L-ILMENT**

1. Illi permezz ta' ittra datata l-24 ta' Ġunju 2022, [redacted] (l-"**ilmentaturi**" jew is-"**suġġetti tad-*data***") tramite l-avukat tagħhom ressqu ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-"**Kummissarju**") ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[1] (ir-"**Regolament**") fir-rigward ta' aċċess mhux awtorizzat għall-awdjo meħud mill-kamera tas-sorveljanza installata fir-*reception area* tal-kumpanija, [redacted][2] (il-"**kontrollur**" jew "[redacted]").

2. Bħala sfond tal-ilment, l-ilmentaturi ipprovdew s-segwenti informazzjoni:

   a. illi matul il-perjodu ta' bejn l-20 u t-22 ta' April 2022, is-CEO tal-[redacted] kellu laqgħa ma' [redacted], sabiex jindirizza kwistjonijiet ta' aġir mhux xieraq *da parti* ta' xi ħaddiema tal-kumpanija;

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

[redacted]

b. illi sabiex jipprova l-punt tiegħu is-CEO semma' lill-ilmentaturi *audio recording* meħud permezz tal-kamera tas-sorveljanza numru 11, installata fir-*reception area* tal-[redacted], liema *audio recording* ġie aċċessat mill-*mobile phone* personali tiegħu;

c. illi l-ilmentaturi ntebħu li anke l-PA tas-CEO kellha l-istess aċċess għall-kameras tas-sigurtà;

d. illi l-ilmentaturi għandhom ċertu karigi li jikkonsistu u li jirrikjedu li jqattgħu ammont konsiderevoli mill-ħin tal-ġurnata tax-xogħol tagħhom jistennew sabiex jingħataw ordni minn ta' fuqhom sabiex huma imbagħad jesegwixxu minnufih;

e. illi l-ebda manwal u/jew direttiva tal-[redacted] ma tipprekludi lill-impjegati tagħha li matul il-ħin tax-xogħol tagħhom huma ma jistgħux jagħmlu kuntatt mal-familjari tagħhom u/jew jiddiskutu affarijiet personali tagħhom; u

f. illi ċertament sas-6 ta' Mejju 2022, s-CEO u l-PA tiegħu għad kellhom aċċess għall-informazzjoni dwar l-ilmentaturi.

3. Illi fl-1 ta' Awwissu 2022, l-ilmentaturi pprovdew kopja ta' *email* mibgħuta minn impjegat ta'[redacted], fis-6 ta' Mejju 2022, li tgħid li *"the audio on camera 11 (reception) was disabled accordingly"*.

**L-INVESTIGAZZJONI**

4. Illi bħala pass preliminari tal-investigazzjoni, permezz ta' ittra elettronika datata t-2 ta' Awwissu 2022, il-Kummissarju pprovda kopja tal-ilment flimkien mad-dokumentazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi, sabiex [redacted] tkun tista' tiddefendi ruħha fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa fil-konfront tagħha u kif ukoll talabha sabiex tipprovdi s-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-ilment skont l-artikolu 58(1)(a) tar-Regolament.

5. Illi b'mod tardiv, [redacted] tramite l-avukat tagħha, pprovdiet is-sottomissjonijiet tagħha fid-9 ta' Settembru 2022, u elenkat is-segwenti argumenti prinċipali sabiex il-Kummissarju jkun jista' jikkunsidra fl-analiżi legali tal-każ odjern:

a. illi fil-laqgħa tal-Bord li saret f'Mejju 2022, id-Diretturi tal-[redacted] talbu assigurazzjonijiet mingħand il-Kap Eżekuttiv fir-rigward tal-użu tas-*CCTV*. Il-Kap

Eżekuttiv ikkonferma lid-Diretturi li ma kien qiegħed jiġi rrekordjat l-ebda awdjo u li huwa biss kellu aċċess għas-sistema tas-CCTV tal-[redacted];

b. illi barra minn hekk, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-[redacted], li kienet konxja tal-ilmenti li għamlu l-ilmentaturi, talbet konferma mingħand il-Kap Eżekuttiv li ma saru l-ebda *'sound recordings'*. Il-Kap Eżekuttiv wieġeb lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* li l-ilment huwa infondat;

c. illi *"DPO was neither informed nor aware of the installation of any new audio recording equipment at* [redacted]"; u

d. illi "[redacted] *resigned his post of CEO of* [redacted] *in July 2022. Consequently, no further information may be provided at this juncture. Footage held by* [redacted] *relates solely to the last seven days and older footage is automatically deleted in accordance with policy"*.

6. Illi flimkien mas-sottomissjonijiet tagħha, il-[redacted] ipprovdiet ukoll kopja tas-*'CCTV Policy'*, adottata fis-27 ta' April 2020, fejn ġie ddikjarat b'mod ċar li l-kameras tas-sorveljanza mhux se jintużaw biex jirrekordjaw l-awdjo.

7. Illi f'konformità mal-proċedura tal-Uffiċċju tal-Kummissarju, fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kummissarju pprovda lill-ilmentaturi bl-opportunità li jirribattu l-argumenti magħmulin mill-kontrollur. F'dan ir-rigward, fid-29 ta' Awwissu 2022, l-avukat għan-nom tal-ilmentaturi ppreżenta sitt (6) affidavits[3] bħala prova sabiex jissostanzjaw l-ilment tagħhom. Barra minn hekk, l-avukat informa lill-Kummissarju li *"minkejja li l-ħaddiema tal-kumpanija* [redacted] *ġew mgħarrfa bis-sitwazzjoni illi fil-bini tal-kumpanija hemm kameras illi jirrikordjaw il-vuċijiet (audio), dawn l-istess kameras għadhom sal-preżent imwaħħla u jirrikordjaw, u dan hekk kif jidher mill-aktar ċar fil-video anness mal-Affidavit tal-Ilmentatur* [redacted].. ".

8. Illi skont il-proċedura ta' dan l-Uffiċċju, fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kummissarju talab lil [redacted] sabiex tirribatti l-argumenti li għamlu l-ilmentaturi. Madanakollu, minkejja diversi *emails* u noti ta' tfakkir, [redacted] baqgħet ma pprovdiet l-ebda sottomissjonijiet ulterjuri sabiex tirribatti l-argumenti mressqa mill-ilmentaturi.

---

[3] Affidavits ta' [redacted]

## ANALIŻI LEGALI U DEĊIŻJONI

Kunsiderazzjonijiet Ġenerali

9. Illi bħala punt ta' tluq, il-Kummissarju jikkjarifika li l-entitajiet għandhom id-dritt li jinstallaw kameras tas-sorveljanza għal diversi raġunijiet fosthom sabiex jiżguraw is-sigurtà; iżda dan għandu jsir b'tali mod li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.

10. Illi f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-artikolu 1 tar-Regolament u l-premessa 10 għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi. Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali huwa dritt fundamentali rikonoxxut mill-artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-artikolu 16(1) tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-premessa 4 tar-Regolament tipprovdi li d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut u għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

11. Illi l-Kummissarju kkunsidra l-artikolu 4(1) tar-Regolament li jiddefinixxi *"data personali"* bħala ***"kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli*** *("suġġett tad-data"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika"* [emfasi ġie miżjud].

12. Illi għaldaqstant, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jikkonferma li l-monitoraġġ awtomatizzat sistematiku ta' spazju speċifiku permezz tal-awdjo jikkostitwixxi pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tar-Regolament[4]. Dan għaliex din l-attività ġġib magħha l-ġbir u ż-żamma ta' *data* personali tal-persuni fiżiċi li jidħlu fl-ispazju mmonitorjat li huma identifikabbli fuq il-bażi ta' elementi speċifiċi.

13. Illi għaldaqstant wara li l-Kummissarju ra l-*video* anness mal-affidavit tal-ilmentaturi, kkonkluda li huwa ampjament ċar li l-ilmentaturi huma identifikabbli. Għaldaqstant, il-

[4] Linji Gwida 3/2019 dwar l-ipproċessar ta' data personali permezz ta' apparat video (Verżjoni 2.0), addottata fid-29 ta' Jannar 2020, paragrafu 7.

kontrollur qiegħed jipproċessa d-*data* personali tal-ilmentaturi u kull suġġett tad-*data* ieħor li qiegħed jaċċessa l-ispazju mmonitorjat bil-kamera ta' CCTV. Dan naturalment ifisser li l-[redacted] qiegħda taġixxi fil-kapaċità ta' kontrollur fis-sens tal-artikolu 4(7) tar-Regolament, u li għalhekk hija responsabbli sabiex turi kif l-attività ta' pproċessar kondotta minnha hija f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

14. Illi mid-dikjarazzjonijiet ġuramentati irriżulta li l-ilmentaturi kellhom konverżazzjonijiet privati fir-*'reception area'* fuq diversi suġġetti u li kienu qegħdin jiġu rrekordjati permezz tal-kamera tas-sorveljanza installata f'dan l-ispazju.

15. Illi l-Kummissarju kkunsidra s-sentenza ***'Bărbulescu vs Romania'***[5] tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (**"QEDB"**) fejn intqal li *"the concept of private life is not limited to an "inner circle" in which the individual may live his or her own personal life without outside interference, but also encompasses the right to lead a "private social life", that is, the possibility of establishing and developing relationships with others and the outside world"*.

16. Illi fis-sentenza *'Niemietz vs Germany'*[6], il-QEDB applikat il-protezzjoni pprovdut mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq il-post tax-xogħol billi ddikjarat li *"[r]espect for private life must also comprise to a certain degree the right to establish and develop relationships with other human beings"*, għaliex *"in the course of their working lives that the majority of people have a significant, if not the greatest, opportunity of developing relationships with the outside world"*. B'dan il-QEDB għamlitha ċara li d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata m'għandux jiġi interpretat b'mod ristrett, anzi għandu jkopri l-aspetti soċjali tal-ħajja tal-individwu, anke fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk min iħaddem għandu jirrispetta l-privatezza tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol.

17. Illi fir-rigward tal-applikabbilità tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-QEDB iddikjarat li telefonati magħmula minn uffiċini tan-negozju jaqgħu taħt il-kunċett ta' *"ħajja privata"* u *"korrispondenza"* imsemmija f'dan l-artikolu 8[7].

18. Illi l-QEDB fis-sentenza *'Bărbulescu vs Romania'*[8] elaborat liema fatturi għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi evalwat jekk il-monitoraġġ tal-impjegati huwiex legali jew le:

---

[5] Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *Bărbulescu vs Romania* (Applikazzjoni numru 61496/08), deċiża fil-5 ta' Settembru 2017.
[6] Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *Niemietz vs Germany* (Applikazzjoni numru 13710/88), deċiża fis-16 ta' Diċembru 1992.
[7] ECtHR (1997) Halford v. the United Kingdom, Application no. 20605/92, 25 June, par. 44.
[8] Ibid 6.

a. jekk l-impjegat ġiex innotifikat bil-possibbiltà li min iħaddem jista' jieħu miżuri biex jimmonitorja l-korrispondenza u komunikazzjonijiet oħra, u dwar l-implimentazzjoni ta' tali miżuri;

b. il-firxa tal-monitoraġġ minn min iħaddem u l-grad ta' intrużjoni fil-privatezza tal-impjegat;

c. jekk min iħaddem ipprovdiex raġunijiet leġittimi biex jiġġustifika l-monitoraġġ tal-komunikazzjonijiet u l-aċċess għall-kontenut attwali tagħhom;

d. jekk huwiex possibbli li tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ ibbażata fuq metodi u miżuri inqas intrużivi minn aċċess dirett għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet tal-impjegat;

e. il-konsegwenzi tal-monitoraġġ li l-impjegat huwa soġġett għalihom; u

f. jekk l-impjegat kienx ipprovdut b'salvagwardji adegwati, speċjalment meta l-operazzjonijiet ta' monitoraġġ ta' min iħaddem kienu ta' natura intrużiva.

Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament

19. Illi b'mod preliminari, huwa importanti li jiġi nnottat li wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ipproċessar tad-*data* personali huwa t-trasparenza, li huwa intrinsikament marbut mal-prinċipji tal-legalità u l-ġustizzja. Flimkien, dawn il-prinċipji huma stabbiliti fl-artikolu 5(1)(a) tar-Regolament, liema dispożizzjoni tipprovdi li d-*data* personali għandha *"tkun ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data"*.

20. Illi r-raġunament wara l-prinċipju tat-trasparenza u d-dispożizzjonijiet relatati ma' dan il-prinċipju, partikolarment l-artikoli 13 u 14 tar-Regolament, huwa li s-suġġett tad-*data* għandu jkun konxju dwar l-eżistenza tal-attività tal-ipproċessar u jiġi pprovdut b'ċerta informazzjoni essenzjali dwar tali attività. Fil-linji gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679[9], il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jsostni li t-trasparenza hija obbligu ġenerali, li huwa meħtieġ sabiex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu

[9] Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, *Linji gwida dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679* (17/MT, WP260 rev.01), adottati fid-29 ta' Novembru 2017, kif riveduti l-aħħar u adottati fil-11 ta' April 2018.

jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-*data*, skont l-artikoli 15 sa 22 tar-Regolament. F'waħda mis-sentenzi[10] tagħha l-Qorti ta-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea enfasizzat illi *"dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni tal-persuni kkonċernati mill-ipproċessar tad-data personali tagħhom huwa bil-wisq iktar importanti tant li huwa kundizzjoni neċessarja għall-eżerċizzju minn dawn il-persuni tad-dritt tagħhom ta' aċċess u ta' rettifika tad-data pproċessata, iddefinit fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 95/46 u tad-dritt ta' oppożizzjoni tagħhom għall-ipproċessar tal-imsemmija data, imsemmi fl-Artikolu 14 ta' din id-direttiva".*

21. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jipprovdi wkoll li ***"l-kunċett ta' trasparenza fil-GDPR hu ffokat fuq l-utent minflok wieħed legalistiku u hu rrealizzat permezz ta' rekwiżiti prattiċi speċifiċi dwar il-kontrolluri u l-proċessuri tad-data f'numru ta' artikoli.*** *Ir-rekwiżiti prattiċi (ta' informazzjoni) huma spjegati fl-Artikoli 12 - 14 tal-GDPR"*[11]. Il-prinċipju tat-trasparenza huwa artikolat ukoll fil-premessa 39 tar-Regolament, li tispeċifika illi ***"[g]ħandu jkun trasparenti għall-persuni fiżiċi li fir-rigward tagħhom qiegħda tinġabar, tintuża, tiġi kkonsultata jew b'xi mod ieħor ipproċessata data personali u l-punt sa fejn id-data personali qiegħda tiġi pproċessata jew ser tiġi pproċessata.*** *Il-prinċipju tat-trasparenza jeħtieġ li kwalunkwe informazzjoni u komunikazzjoni marbuta mal-ipproċessar ta' dik id-data personali tkun aċċessibbli faċilment u li tinftiehem faċilment, u li jintuża lingwaġġ ċar u sempliċi"* [emfasi ġie miżjud].

22. Illi l-Kummissarju jenfasizza li l-kontrollur għandu jinżamm responsabbli fir-rigward tat-trasparenza tal-ipproċessar tad-*data* personali, mhux biss fil-punt tal-ġbir tad-*data* personali, iżda matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-ipproċessar kollu[12]. Ir-Regolament jartikola espliċitament it-trasparenza bħala wieħed mill-prinċipji tal-ipproċessar, li jeħtieġ li d-*data* personali għandha tiġi pproċessata b'mod li jkun trasparenti għas-suġġetti tad-*data*. Il-prinċipju tat-trasparenza huwa kundizzjoni fundamentali biex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll fuq id-*data* personali tagħhom stess, u sabiex jiżguraw protezzjoni effettiva tad-*data* personali tagħhom u l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom.

23. Illi għal dan il-għan, l-artikolu 12(1) tar-Regolament jipprovdi li l-*"kontrollur għandu jieħu miżuri adatti biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 u kwalunkwe komunikazzjoni skont l-Artikoli 15 sa 22 u 34 relatata mal-ipproċessar lis-suġġett tad-data f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta'*

[10] Qorti tal-Ġustizzja, *Smaranda Bara and Others v. Casa Naţională de Asigurări de Sănătate and Others*, (C-201/14, ECLI:EU:C:2015:638), deċiża fl-1 ta' Ottubru 2015.
[11] Ibid 10.
[12] Ibid 10.

*lingwaġġ ċar u sempliċi*". Barra minn hekk, il-Linji Gwida jistabbilixxu li "*[l]-informazzjoni għandha tkun konkreta u definittiva; m'għandhiex titfisser f'termini astratti jew ambivalenti jew tħalli lok għal interpretazzjonijiet differenti. B'mod partikolari, il-finijiet tal-ipproċessar ta' data personali, u l-bażi ġuridika għall-dan, għandhom ikunu ċari*"[13].

Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament

24. Illi inizjalment il-Kummissarju skrutinizza s-*CCTV Policy* adottata fis-27 ta' April 2020, u li ġiet ipprovduta mill-kontrollur mas-sottomissjonijiet tad-9 ta' Settembru 2022. Is-*CCTV Policy* tiddeskrivi b'mod ċar illi:

> "*The purposes of CCTV surveillance are the following:*
>
> • *for the personal safety of employees, visitors and other members of the public;*
> • *to ensure security including safeguarding of assets, equipment and property contained in both the building and perimeter areas;*
> • *to ensure a safer environment within the building of the Company;*
> • *for the prevention, reduction, detection and investigation of crime; and;*
> • *to support law enforcement bodies in the prevention, detection and prosecution of crime by providing evidence in support of an enquiry or prosecution*".

25. Illi s-*CCTV Policy* tiddikjara li s- "***CCTV cameras will not be used to record sound. Relevant footage will not be used for any other purpose other than those stated above***" [emfasi ġie miżjud].

26. Illi l-Kummissarju ħa in konsiderazzjoni l-*video* anness mal-affidavit tal-ilmentatur [redacted] meħud minn *CAM 10* tal-5 ta' Awwissu 2022, u stabbilixxa li din il-kamera tas-sorveljanza qiegħda tirrekordja l-awdjo, u illi l-vuċijiet tas-suġġeti tad-*data* jistgħu jinstemgħu b'mod ċar.

[13] Ibid 10.

idpc. INFORMATION AND DATA PROTECTION COMMISSIONER

27. Illi l-Kummissjarju analizza wkoll il-kopja tal-*email* datata l-1 ta' Awwissu 2022 mibgħuta minn impjegat ta' [redacted], fis-6 ta' Mejju 2022, illi tgħid li *"the audio on camera 11 (reception) was disabled accordingly"*. F'dan ir-rigward, l-Kummissarju ħa in konsiderazzjoni l-affidavit tal-ilmentatur [redacted] fejn iddikjara illi *"fl-uffiċini għad hemm lameras* [sic] *illi jirrekordjaw il-vuċijiet fosthom tat-terazzin u tas-server room. Dan nafu wara test illi għamilna jien, l-IT Officer* [redacted]*...".*

28. Illi, barra minn hekk, il-Kummissarju analizza d-dikjarazzjonijiet bil-ġurament ipprovduti mill-ilmentaturi fid-29 ta' Settembru 2022, fejn b'mod simili huma ddikjaraw li meta s-CEO tal-kumpanija sejħilhom għal-laqgħa fit-22 ta' April 2022, huwa qalilhom *"dawn il-preċiżi kelmiet – "illi tmeruni imma lil dan le." F'dan il-punt aħna mafhimnihx u għalhekk saqsejnih biex jgħidilna "din" għal xiex kienet tirreferi. Kien hawnhekk li hu qalilna li kien qiegħed jirreferi għall-kamera u semmgħalna voice recording".*

29. Illi b'mod partikolari l-Kummissarju rrefera għad-dikjarazzjoni ġuramentata tas-Sur [redacted] (fil-kapaċità tiegħu ta' skrivan iżda wkoll kien inkarigat li jagħmel xogħol relatat mal-IT), fejn iddikjara li:

> *"Niftakar illi meta telqet* [redacted] *minn mal-kumpannija, hi tatni l-laptop tagħha lura u jiena kien xogħoli biex nagħmillu format.* [redacted] *qaltli li l-kameras kienu installati fuq il-laptop tagħha u għalhekk nifhem li mhux is-*[redacted] *biss kellu aċċess biex jara u jisma' dak li konna qeghdin ngħidu iżda hi ukoll. Hekk kif kont qed naħdem fuq il-laptop tagħha, flimkien m'* [redacted] *li kien ħdejja, sirt naf ukoll li hemm kameras li jirrikordjaw fis-server room u anki wara l-premises tal-*[redacted]*"* [sic].

30. Illi għaldaqstant, f'konformità mas-*CCTV Policy*, dawn il-kameras tas-sorveljanza għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' sigurtà u sikurezza. Għalhekk, kwalunkwe monitoraġġ sistematiku li jmur oltre minn dak indikat fis-*CCTV Policy*, jikkostitwixxi pproċessar illegali ta' *data* personali bi vjolazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

31. Illi għalhekk mill-fatti miġbura waqt il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju kkonkluda li kien hemm, fil-fatt, ipproċessar tad-*data* personali tal-ilmentaturi għal skopijiet ulterjuri u għall-ambiti differenti minn dawk stabbiliti fis-*CCTV Policy*.

32. Illi l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-fini huwa l-pedament tal-protezzjoni tad-*data*, peress li huwa pre-rekwiżit għall-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti l-oħra sabiex jiġi żgurat li d-dritt

fundamentali tal-protezzjoni tad-*data* personali jkun tabilħaqq issalvagwardjat matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-attività tal-ipproċessar imwettaq mill-kontrollur. Fil-fatt, l-artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrifletti l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-fini, meta jispeċifika li d-*data* personali għandha tiġi pproċessata *"b'mod ġust għal finijiet determinati"*.

33. Għaldaqstant, dan il-prinċipju jipproteġi lis-suġġetti tad-*data* billi jistabbilixxi limiti dwar kif il-kontrollur juża d-*data* personali b'mod ġust u trasparenti u għal din ir-raġuni, l-artikolu 5(1)(b) tar-Regolament jipprovdi illi d-*data* personali għandha *"tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet"*.

34. Illi n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-fini kif stabbilit fl-artikolu 5(1)(b) tar-Regolament u li huwa elaborat aktar fil-premessa 39, jirriżulta fl-ipproċessar ta' *data* personali, li huwa inkompatibbli mal-għanijiet speċifikati fiż-żmien tal-ġbir. F'dan il-każ, il-Kummissarju jistabbilixxi li l-kontrollur ipproċessa d-*data* personali tal-ilmentaturi għal skopijiet kompletament differenti li ċertament mhumiex ibbażati fuq xi bażi legali miżmuma fl-artikolu 6(1) tar-Regolament u għalhekk, din l-attività ta' pproċessar li saret fuq id-*data* personali tal-ilmentaturi kienet illegali.

<u>Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament</u>

35. Illi skont il-Linji Gwida[14] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (il-**"Bord"**), *"[m]eta jagħżel soluzzjonijiet tekniċi, jeħtieġ li l-kontrollur jikkunsidra teknoloġiji li jirrispettaw il-privatezza anke għaliex dawn isaħħu s-sigurtà. [...] Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet magħżula ma jipprovdux funzjonijiet li mhumiex meħtieġa (eż. il-moviment illimitat ta' kameras, il-kapaċità ta' zoom, it-trażmissjoni bir-radju,* ***l-analiżi u r-reġistrazzjonijiet awdjo). Il-funzjonijiet ipprovduti, iżda mhux neċessarji, iridu jiġu diżattivati****"* [emfasi ġie miżjud].

36. Illi mis-*CCTV Policy*, il-Kummissarju kkonkluda li l-iskopijiet u l-għanijiet tal-kameras tas-sorveljanza setgħu ċertament jintlaħqu mingħajr ir-reġistrazzjoni tal-awdjo, u l-ipproċessar tal-awdjo ma kienx meħtieġ jew proporzjonat għall-iskop maħsub. Għalhekk, f'konformità

[14] Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, *Linji Gwida 3/2019 dwar l-ipproċessar ta' data personali permezz ta' apparat video*, verżjoni 2.0, adottati fid-29 ta' Jannar 2020.

mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-awdjo bl-użu tal-kameras tas-sorveljanza, għandha tkun ristretta.

37. Illi għalhekk, f'dan ir-rigward, il-Kummissarju osserva l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* kif stabbilit fl-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament, jiġifieri li d-*data* personali għandha "*tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata*".

38. Illi l-'*Linji Gwida 4/2019 dwar il-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25*'[15] adottati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jitfgħu aktar dawl fuq il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, billi jiddeskrivu li "*l-kontrolluri għandhom jiddeterminaw jekk huma jeħtiġux jipproċessaw id-data personali għall-iskopijiet rilevanti tagħhom.* ***Il-kontrollur għandu jivverifika jekk l-għanijiet rilevanti jistgħux jinkisbu bl-ipproċessar ta' inqas data personali,*** *jew billi jkollu inqas data personali dettaljata jew aggregata jew mingħajr ma jkollu għalfejn jipproċessa d-data personali*".

39. Illi l-Bord kompla jikkummenta li l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* għandu jiġi tradott f'elementi ewlenin mid-disinn u l-minimizzazzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku[16], li jistgħu jinkludu:

a. *limitazzjoni*, li jikkonsisti fil-limitazzjoni tal-ammont ta' *data* personali miġbura għal dak li huwa jkun neċessarju sabiex jintlaħaq l-iskop maħsub;

b. *limitazzjoni tal-aċċess*, li l-ipproċessar tad-*data* jitfassal b'mod li għadd minimu ta' persuni jkollhom aċċess għal *data* personali biex iwettqu dmirijiethom, u l-aċċess jiġi limitat kif xieraq;

c. *rilevanza,* skond liema *data* personali għandha tkun rilevanti għall-ipproċessar inkwistjoni, u l-kontrollur għandu jkun jista' juri din ir-rilevanza;

d. *neċessità,* li kull kategorija tad-*data* personali għandha tkun meħtieġa għall-iskopijiet speċifikati u għandha tiġi pproċessata biss jekk ma jkunx possibbli l-issodisfar b'xi mod ieħor.

40. Illi l-applikazzjoni prattika tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* għalhekk teħtieġ li l-kontrollur jagħmel valutazzjoni biex jistabbilixxi l-kwalità u l-kwantità tad-*data* personali

---

[15] Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, *Linji gwida 4/2019 dwar il-Protezzjoni tad-Data mid-Disinn u b'Mod Awtomatiku skont l-Artikolu 25*, Verżjoni 2.0, adottata fl-20 ta' Ottubru 2020
[16] Ibid.

meħtieġa biex jintlaħaq l-għan predefinit, segwita bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' disinn xierqa sabiex jiġi żgurat li l-attività tal-ipproċessar tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-iskop.

Il-Legalità tal-Ipproċessar

41. Illi l-prinċipju tal-ipproċessar legali li huwa wieħed mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* jeħtieġ li kull operazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* jkollha bażi legali għall-ipproċessar. Għaldaqstant, l-artikolu 6(1) tar-Regolament jistipula x'jista' jikkostitwixxi tali bażi legali, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prinċipji ewlenin l-oħra għall-ipproċessar tad-*data* kif stipulat fl-artikolu 5(1) tar-Regolament.

42. Illi min iħaddem huwa intitolat li jimmonitorja l-attività tal-impjegati tiegħu jekk ikollu bażi legali biex jagħmel dan, madankollu minħabba l-iżbilanċ tal-poter fir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegat, *"[g]ħajr f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, l-impjegaturi ser ikollhom jibbażaw fuq bażi ġuridika oħra minflok il-kunsens—bħall-ħtieġa li tiġi pproċessata d-data għall-interess leġittimu tagħhom. Madankollu, fih innifsu, interess leġittimu mhuwiex biżżejjed biex jegħleb id-drittijiet u l-libertajiet tal-impjegati"*[17].

43. Illi l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament jippermetti l-ipproċessar ta' *data* personali fejn ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interess leġittimu segwit mill-kontrollur jew minn partijiet terzi, ħlief fejn dawn l-interessi huma megħluba mill-interessi jew id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*, partikolarment l-ipproċessar ta' data personali li teħtieġ protezzjoni skont l-artikolu 1(2) [18] tar-Regolament. Għalhekk isegwi li l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament jeħtieġ eżerċizzju ta' bilanċ tad-drittijiet u l-interessi opposti kkonċernati.

44. Illi konsegwentement il-Kummissarju pproċeda billi kkunsidra l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament, speċifikament kif saret il-valutazzjoni legali bbażata fuq il-kriterji f'konformità mal-premessa 47 tar-Regolament. Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[19] tgħid li sabiex japplika l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament irridu *"**jipprevedi tliet kundizzjonijiet kumulattivi** sabiex ipproċessar ta' data personali jkun legali, jiġifieri, l-*

---

[17] Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, *Opinjoni 2/2017 dwar l-ipproċessar tad-data fuq il-post tax-xogħol*, adottati fit-8 ta' Ġunju 2017.
[18] *"Dan ir-Regolament jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' data personali.."*
[19] Kawża C-13/16, Valsts policijas Rīgas reģiona pārvaldes Kārtības policijas pārvalde vs Rīgas satiksme, datata l-4 ta' Mejju 2017, para. 28.

idpc.

*ewwel nett, it-tfittxija ta' interess leġittimu mill-kontrollur jew mit-terz jew terzi li lilhom id-data tkun ikkomunikata, it-tieni nett, il-ħtieġa tal-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet tal-interess leġittimu mfittex u, it-tielet nett, il-kundizzjoni li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data ma jkunux prevalenti*".

45. Skont il-prinċipju tar-responsabbiltà kif stabbilit fl-artikolu 5(2) tar-Regolament, il-kontrollur għandu jkun jista' juri li t-tliet (3) kundizzjonijiet kumulattivi japplikaw u li l-ipproċessar huwa tabilħaqq meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwit mill-kontrollur, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

46. Illi l-ipproċessar huwa kundizzjonat fuq l-eżistenza ta' interess leġittimu tal-kontrollur jew ta' parti terza. Ir-Regolament ma jiddefinixxix x'inhu interess leġittimu u għalhekk, huwa l-kontrollur li għandu jiddetermina jekk hemmx għan leġittimu li jista' jiġġustifika interferenza mad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali.

47. Illi l-Kummissarju jinterpreta *'interess'* bħala s-sehem usa' li kontrollur jista' jkollu fl-ipproċessar, jew il-benefiċċju li l-kontrollur jew partijiet terzi jistgħu jieħdu minn dan l-ipproċessar. Din l-interpretazzjoni hija ssostanzjata mill-premessi tar-Regolament, li jipprovdu xi eżempji mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet li fihom jista' jeżisti interess leġittimu u dan jista' jkun l-ipproċessar għall-iskop tal-prevenzjoni ta' frodi, l-ipproċessar għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, it-trażmissjoni ta' ċerta *data* fi ħdan gruppi ta' kumpaniji u pproċessar bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali[20] jistgħu jikkostitwixxu interess leġittimu.

48. Illi skont il-Linji Gwida[21] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, interess leġittimu jista' jkun biss f'dawn il-każijiet fejn hemm sitwazzjoni reali u perikoluża, u dan l-interess irrid ikun jikkonċerna sitwazzjoni reali ta' diffikultà, bħal danni jew inċidenti serji fil-passat u dana qabel ma tibda s-sorveljanza. Il-Kummissarju ma jikkunsidrax li hemm l-eżistenza ta' interess leġittimu li jikkonċerna sitwazzjoni reali ta' diffikultà jew periklu imminenti li seta' kien qiegħed jiffaċċja l-[redacted].

49. Illi l-Kummissarju jenfasizza li s-sorveljanza bil-vidjo u bl-awdjo, tkun legali biss sabiex jintlaħaq l-iskop ta' interess leġittimu segwit mill-kontrollur u dan l-interess irrid ikun wieħed

[20] Ibid.
[21] Ibid. 14.

konkret u mhux fittizju jew spekulattiv. Nonostante dan, jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għas-sorveljanza f'konformità mal-artikolu 21 tar-Regolament, il-kontrollur ikun jista' jkompli jipproċessa d-*data* personali biss jekk ikun hemm interess leġittimu konvinċenti.

50. Fid-dawl tal-prinċipju tar-responsabbiltà, il-kontrollur għandu juri kif id-*data* personali tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li hija meħtieġa b'rabta mal-iskop li għalih tkun qiegħda tiġi pproċessata d-*data*. Illi l-Linji Gwida[22] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jagħmlu referenza għall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* u jistipulaw kif il-miżuri ta' sorveljanza bil-vidjo u l-awdjo jeħtieġu li jintgħażlu biss jekk l-għan tal-ipproċessar ma jkunx jista' jiġi sodisfatt b'mod raġonevoli b'mezzi oħra li jkunu anqas invażivi għad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

51. Illi wara li ġew evalwati s-sottomissjonijiet tal-kontrollur, il-Kummissarju ma ġie pprovdut b'ebda spjegazzjoni jew evidenza li turi kif l-attività ta' pproċessar hija waħda tabilħaqq neċessarja. Barra minn hekk, il-kontrollur huwa responsabbli sabiex juri kif huwa wettaq l-ibbilanċjar tal-interessi billi jevalwa u jibbilanċja d-drittijiet u l-libertajiet fuq naħa tal-ilmentaturi u l-interessi leġittimi tal-kontrollur min-naħa l-oħra. Il-Linji Gwida jispjegaw fid-dettall dwar x'fatturi għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni meta jitwettaq l-ibbilanċjar tal-interessi, eżerċizzju li evidentement ma sarx mill-kontrollur.

<u>Eżerċizzju ta' setgħat korrettivi</u>

52. Illi wara li kkunsidra l-fatturi msemmija hawn fuq, il-Kummissarju kkonkluda li l-ksur li ġie identifikat jimmerita l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva.

53. Illi għaldaqstant, il-Kummissarju skrutinizza s-sett ta' għodod korrettivi għad-dispożizzjoni tiegħu fil-kapaċità tiegħu ta' awtorità superviżorja skont l-artikolu 58(2) tar-Regolament fejn l-operazzjoni tal-ipproċessar tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, li jinkludu *inter alia*, s-setgħa li jimponi multa amministrattiva skond il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-artikolu 83 tar-Regolament.

54. Illi l-Kummissarju għandu jagħti attenzjoni speċjali liċ-ċirkostanzi ta' kull każ, billi għandu jikkunsidra l-kriterji elenkati fl-artikolu 83(2)(a) sa (k) tar-Regolament. F'dan il-każ irriżulta li kien hemm ksur ta' bosta provvedimenti tar-Regolament li huma l-fulkru tad-drittijiet u l-

[22] Ibid. 4.

libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Il-Kummissarju stabbilixxa li dawn is-subparagrafi (a), (b), (ċ), (f), (g) u (h) tal-artikolu 83(2) tar-Regolament huma rilevanti għal każ odjern.

Artikolu 83(2)(a) tar-Regolament

55. Illi skont l-artikolu 83(2)(a) tar-Regolament, il-Kummissarju ħa in kunsiderazzjoni "*n-natura, il-gravità u d-dewmien tal-ksur b'kont meħud tan-natura, l-ambitu jew il-fini tal-ipproċessar ikkonċernat kif ukoll l-għadd ta' suġġetti tad-data affettwati u l-livell ta' dannu mġarrab minnhom*".

56. Il-Kummissarju eżamina in-natura tal-ksur, li jirrigwarda speċifikament l-obbligi tal-kontrollur kif stabbiliti fir-Regolament. L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") jistabbilixxi żewġ ammonti massimi differenti ta' multi amministrattivi għall-awtoritajiet u korpi pubbliċi, li jindikaw li ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament jista' jkun iktar serji minn dispożizzjonijiet oħra. Ksur tal-artikoli 83(5) jew 83(6) tar-Regolament jaqgħu fil-kategorija ta' *"multa m'għandhiex tkun iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) għal kull ksur u, b'żieda, il-Kummissarju jista' jimponi l-ħlas ta' multa ta' kull jum ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li fiha jkompli l-ksur"*.

57. Illi hija tabilħaqq l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jissanzjona kwalunkwe ksur tal-prinċipji bażiċi għall-ipproċessar b'mod sever, li huma l-fulkru tar-Regolament. Għalhekk, il-konformità ma' dawn il-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tad-*data* hija l-pass inizjali għall-kontrolluri biex jiżguraw li l-obbligi tagħhom huma sodisfatti skont ir-Regolament.

58. Illi barra minn hekk, matul il-perjodu ta' żmien tal-ksur, [redacted] ma kinitx qiegħda timxi mal-politiki tagħha, u dan iġġenera inċertezza fir-rigward tal-legalità u t-trasparenza tal-prattiki u l-operazzjonijiet tal-kontrollur fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*.

Artikolu 83(2)(b) tar-Regolament

59. Illi l-artikolu 83(2)(b) tar-Regolament, il-Kummissarju analizza l-karattru tal-ksur, speċifikament, jekk is-soċjetà appellanti kinitx qiegħda taġixxi b'mod intenzjonali jew negliġenti. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' l-Artikolu 29 jipprovdi kif:

> *"B'mod ġenerali, "intenzjoni" tinkludi kemm għarfien kif ukoll xewqa fir-rigward tal-karatteristiċi ta' reat, filwaqt li "mingħajr intenzjoni" tfisser li*

*ma kienx hemm l-intenzjoni li jiġi kkawżat il-ksur, minkejja li l-kontrollur/il-proċessur ikun kiser l-obbligu ta' diliġenza li huwa meħtieġ fil-liġi"*[23].

60. Illi fuq il-bażi tal-fatti miġbura matul il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju stabbilixxa li l-kontrollur aġixxa intenzjonalment, u dan kif inhu indikat bl-iżjed mod ampju mill-azzjonijiet u l-bosta nuqqasijiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* mill-[redacted].

Artikolu 83(2)(c) tar-Regolament

61. Illi l-artikolu 83(2)(c) tar-Regolament jitlob li l-awtorità superviżorja tikkunsidra "*kwalunkwe azzjoni meħuda mill-kontrollur jew il-proċessur biex jittaffa d-dannu mġarrab mis-suġġetti tad-data*".

62. Illi l-Kummissarju ħa in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-ilmentatur tad-29 ta' Awwissu 2022, fejn huma informaw lill-Kummissarju li *"minkejja li l-ħaddiema tal-kumpanija* [redacted] *ġew mgħarrfa bis-sitwazzjoni illi fil-bini tal-kumpanija hemm kameras illi jirrikordjaw il-vuċijiet (audio), dawn l-istess kameras għadhom sal-preżent imwaħħla u jirrikordjaw..."*. Kif ukoll l-affidavit tal-ilmentatur [redacted] fejn iddikjara illi *"fl-uffiċini għad hemm lameras* [sic] *illi jirrekordjaw il-vuċijiet fosthom tat-terazzin u tas-server room. Dan nafu wara test illi għamilna jien, l-IT Officer* [redacted]*..."*.

63. Illi l-Kummissarju kkonkluda li [redacted] m'aġixxietx fil-pront biex tirretifika s-sitwazzjoni li evidentement kienet ta' riskju għoli għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, u sussegwentement naqset milli tipproteġi s-suġġetti tad-*data*.

Artikolu 83(2)(g) tar-Regolament

64. Illi l-artikolu 83(2)(g) tar-Regolament jistipula li l-Kummissarju għandu wkoll jikkunsidra l-kategoriji tad-*data* li ġew affettwati riżultat tal-ksur ta' bosta provvedimenti tar-Regolament. A skans ta' ripetizzjoni, il-Kummissarju jirreferi għall-analiżi legali ta' din id-deċiżjoni, li juru kif effettivament kien hemm l-ipproċessar ta' kategoriji tad-*data* personali mingħajr ebda bażi legali ai termini tal-artikolu 6(1) tar-Regolament.

[23] Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data, Linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-istabbiliment ta' multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679,* adottati fit-3 ta' Ottubru 2017 (17/MT WP 253)

Artikolu 83(2)(h) tar-Regolament

65. Illi l-artikolu 83(2)(h) tar-Regolament jistipula li l-Kummissarju għandu jikkunsidra l-"*mod li bih il-ksur sar magħruf mill-awtorità superviżorja, b'mod partikolari jekk, u jekk ikun hekk il-każ sa fejn, il-kontrollur jew il-proċessur innotifika l-ksur*".

66. Illi wara li evalwa l-artikolu 83(2)(h) tar-Regolament, il-Kummissarju nnota li l-ksur sar magħruf lilu bħala riżultat ta' ilment imressaq skont l-artikolu 77(1) tar-Regolament.

L-Impożizzjoni ta' Multa Amministrattiva

67. Wara li kkunsidra l-fatturi msemmija hawn fuq, il-Kummissarju kkonkluda li l-ksur li ġie identifikat jiġġustifika l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva. F'dan ir-rigward, il-Kummissarju analizza l-artikolu 21 tal-Att, li jgħid li l-"*Kummissarju jista', wara li jqis debitament iċ-ċirkostanzi tal-każ konformement mal-Artikolu 83(2) tar-Regolament, jimponi multa amministrattiva fuq awtorità pubblika jew korp pubbliku: Iżda wkoll dik il-multa m'għandhiex tkun iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) għal kull ksur u, b'żieda, il-Kummissarju jista' jimponi l-ħlas ta' multa ta' kull jum ta' ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li fiha jkompli l-ksur, liema multa għandha tiġi determinata u imposta mill-Kummissarju skont il-proċedura taħt l-artikolu 26 għall-ksur tal-Artikoli 83(5) jew 83(6) tar-Regolament*".

**A bażi tas-suespost, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-kontrollur kiser:**

**a. l-artikolu 5(1)(a) tar-Regolament għaliex id-*data* personali tal-ilmentaturi ma kinitx ipproċessata legalment, ġustament u b'mod trasparenti. L-ipproċessar tad-*data* b'mezzi tal-awdjo f'dan il-każ mhuwiex kkunsidrat legali, peress li l-kontrollur ma kellux bażi legali valida biex jipproċessa din id-*data* tal-ilmentaturi. Barra minn hekk, l-ipproċessar ma jitqiesx trasparenti, peress li s-suġġetti tad-*data* ma kinux infurmat bl-attivitajiet ta' pproċessar addizzjonali. Għaldaqstant, il-kontrollur kiser ukoll l-artikolu 6 tar-Regolament għaliex l-attività ta' pproċessar kondotta permezz ta' mezzi awdjo mhijiex f'konformità mal-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament jew xi bażi legali ieħor stipulat fl-artikolu 6(1) tar-Regolament;**

b. **l-artikolu 5(1)(b) peress li kien qed jipproċessa d-*data* personali tal-ilmentaturi għal skopijiet oħra li ma jkunux konformi mal-għan oriġinali;**

c. **l-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament meta installa kameras tas-sorveljanza b'kapaċitajiet ta' reġistrazzjoni tal-awdjo, minkejja li l-istess għan seta' ntlaħaq mingħajr ma jinqabad l-awdjo. Il-Kummissarju kkonkluda li l-awdjo *recording* ma kienx meħtieġ għall-iskop tal-installazzjoni tas-CCTV, li jfisser li [redacted] kienet qiegħda tiġbor u tipproċessa aktar *data* personali milli kien meħtieġ.**

**Wara li ġew evalwati l-kriterji elenkati fl-artikolu 83(5) tar-Regolament, il-Kummissarju jqies li multa amministrattiva hija miżura neċessarja u adegwata biex tirrispondi għan-natura u l-gravità tal-ksur. Wara li qies it-tieni *proviso* tal-artikolu 21 tal-Att, il-Kummissarju qiegħed jimponi multa amministrattiva ta' ħamest elef Ewro (€5,000) ai termini tal-artikolu 58(2)(i) tar-Regolament, li għandha titħallas fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni.**

**Skont l-artikolu 58(2)(d) tar-Regolament, [redacted] qiegħda tiġi ordnata sabiex iġib l-operazzjoni tal-ipproċessar konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament billi tieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa u tiżgura li l-kameras tas-sorveljanza installati fil-bini tagħha ma jibqgħux jirrekordjaw l-awdjo. Barra minn hekk, [redacted] qiegħda tiġi ordnata li twaħħal sinjali biex tinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar il-kameras tas-sorveljanza.**

**[redacted] hija mitluba tikkonforma ma' din l-ordni fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data li fiha jirċievi din id-deċiżjoni legalment vinkolanti u tinforma lill-Kummissarju bl-azzjoni meħuda immedjatament wara, sostnuta b'evidenza tal-miżuri implimentati. L-informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda għandha tiġi sottomessa permezz ta' *email* fuq idpc.cctv@idpc.org.mt.**

Ian DEGUARA (Signature) Digitally signed by Ian DEGUARA (Signature) Date: 2023.05.31 11:57:34 +02'00'

**Ian Deguara**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***